# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 52**

13 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 52.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

52.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 52.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

52.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsin laqgħa (50) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

52.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq korrezzjoni ta' materja nru 50.10.7 li għandha taqra "m'għandhomx" minflok "ma kellhomx".

52.2.3. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

52.2.4. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

52.2.5. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, AD, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (VB, AGS)

Il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier AGS infurmaw li r-raġuni għalfejn kienu qed jastjenu mill-minuti kienet minħabba l-fatt li kienu skużati għal din il-laqgħa.

52.2.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx instabet it-tabella tal-isem tal lokalita li kien hemm imwaħħla fit-Telgħa ta' Sa Maison. Is-SE wieġbet li din kienet instabet għand il-kuntrattur li għamel ix-xogħol fit-triq u li kienet tkellmet mas-Sur Naudi sabiex jieħu ħsieb li din tiġi irranġata.

52.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.5.1 rigward il-Forum tal-President għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-Sindku nformat li l-President kienet tinsab indisposta fuq safar u li l-uffiċċju tagħha għandu jikkomunika mal-Kunsill appena tasal lura.

52.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.5.4 u staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand l-Onor. Ministru Ian Borg . Is-Sindku DSH wieġbet li kienet intbagħtet il-korrispondenza iżda sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta.

52.2.9. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx intalbet laqgħa mal-Ministru Michael Farrugia. Is-SE wieġbet li kienet intbagħtet talba għal-laqgħa iżda ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira. Is-Sindku DSH issuġġeriet li tiġi ikkupjata is-Sinj. Svetlana Muscat fit-talba.

52.2.10. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand il-Ministru José Herrera rigward il-materja tal-Masġar tal-Ġublew. Is-Sindku DSH wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta.

52.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.2.3 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici. Is-Sindku DSH wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta.

**52.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

52.3.1. Is-Sindku DSH ressqet applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' garage minn Tug Malta li talbu linji sofor quddiem il-garage tagħhom. Il-Kunsill irrimarka li li seta jsir kien li titwaħħal tabella ta' No Parking mal-bieb u kaxxa safra.

52.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-PCRB fejn talbu żewġ parkeġġi riservati għall-avukati. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li l-entita ma kellhiex dritt għal dawn il-parkeġġi skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

52.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-MEIAM fejn talbu parkeġġ riservat għad-Direttur Ġenerali, wara li l-uffiċċju tagħhom ġie rilokat temporanjament fil-Floriana. Il-Kunsill ma laqax it-talba minħabba li l-entita ma kellhiex dritt għal dawn il-parkeġġi skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

52.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Equal Opportunities Compliance Unit fejn ressqu ilment rigward ostruzzjoni tal-bankina li hemm quddiem il-Police Headquarters.

**Nota: 14:19 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**
**14:20 Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa.**

52.3.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitneħħew l-ispazji ta' parkeġġ kif suġġerit fil-korrispondenza iżda li titneħħa t-tabella li hemm fuq il-bankina. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Equal Opportunities Compliance Unit li din il-kwistjoni titressaq quddiem l-entitajiet responsabbli li huma d-Dipartiment tal-Artijiet jew l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

52.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar li nformaw li l-UIF funds disponibbli għall-Kunsill kienu jammontaw għal €361,200.

52.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali fejn informaw bid-diskussjonijiet biex jibda jsir ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-kunsilli lokali. Huma nformaw ukoll li l-kumpanija ARMS kienu ser jgħinu lill-kunsilli lokali jirkupraw l-ammonti dovuti lilhom minn re-instatements tat-toroq.

52.3.7.1. Is-SE għamlet riferenza għall-kwistjoni tar-re-instatements fejn spjegat li biex il-Kunsill jiġi rimborsat għall-ispejjeż tiegħu, il-kuntrattur irid juża apparat li ma jintużax għal spazji daqshekk żgħar.

52.3.7.2. Wara li ddiskuta il-materja tal-ħlas ta' kontijiet, il-Kunsill ma qabilx li għandu jidħol għal dan. Huwa qabel li għandu jibgħat il-punti ta' tħassib tiegħu lill-Assoċjazzjoni fosthom il-fatt li l-Kunsill m'għandux aċċess adattat, ir-riżorsi umani neċessarji (li ma setgħux jiżdiedu) u li ma jħossx li għandu jinżamm responsabbli ta' ammont kbir ta' flus li jrid jiġi depożitat ta' kuljum u li kien ser ifisser spiża addizzjonali għall-Kunsill.

52.3.8. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sinj. Maria Zammit mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-akkumulazzjoni ta' vacation leave tas-SE għas-sena 2019. Il-Kunsill approva li sebgħin siegħa ta' vacation leave jiġi akkumulat għas-sena 2019,

52.3.9. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Clyde Puli fejn informa li kien ser jiġi organizzat tea party nhar il-15 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill innota dan u ma sabx oġġezzjoni.

52.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Clyde Puli fejn informa li kienet ser tiġi organizzata ġirja u mixja tal-Indipendenza li kienu ser jinżammu nhar is-17 ta' Settembru 2018 bit-tluq ikun minn ħdejn il-Monument tal-Indipendenza. Il-Kunsill innota dan u ma sabx oġġezzjoni.

52.3.11. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward il-Premju Anzjanità Attiva u ppproponew li l-Kunsill jinnomina lil xi anzjan għal dan il-premju. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tiġi ċirkolata u tali materja tiġi diskussa permezz ta' email. Is-Sindku qalet li n-nominati għandhom jiġu proposti sat-Tnejn ta' wara sabiex tkun tista' tiġi sottomessa n-nominazzjoni fil-ħin.

52.3.12. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-attività tal-Clean up day li tiġi organizzata b'mod annwali. Il-Kunsill qabel li l-attività għandha ssir nhar is-6 t'Ottubru 2018. Il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier AGS informaw li dakinhar ma kienx possibbli għalihom li jattendu. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jibgħat l-ittri bl-informazzjoni dwar l-attività lill-għaqdiet lokali.

52.3.13. Is-Sindku DSH ressqet ilment mingħand residenti dwar il-bżonn li jinżabru s-siġar li hemm ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jieħu ħsieb li dawn jinżabru.

52.3.14. Is-Sindku DSH ressqet talba biex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabbiltà maġenb il-Kunvent tal-Kapuċċini. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li dan l-ispazju jsir viċin ir-rampa eżistenti.

52.3.15. Is-Sindku DSH ressqet ilment minn residenti dwar l-ammont ta' ħamiem li hemm fi Triq Antonio Agius u l-madwar. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel eżerċizzju ta' qbid ta' ħamiem f'din iż-żona. Is-Sindku qalet ukoll li kienet informata li l-ecowardens kienu ħarrku persuna li titma l-ħamiem diversi drabi.

52.3.16. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk ladarba tinbidel is-sistema, hux ser ikun hemm ecowarden għal kull lokalita. Is-Sindku qalet li ma kellix informazzjoni iżda kienet ser tinżamm laqgħa mal-LESA sabiex jingħataw iktar informazzjoni.

52.3.17. Il-Kunsillier AGS talab li tinġibed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali għas-sitwazzjoni ta' Triq il-Kapuċċini speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu fejn kien qed ikun hemm rimi abbużiv ta' boroż tal-iskart. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-LESA dwar dan. Is-Sindku qalet ukoll li kien qed ikun hemm ħafna ilmenti dwar l-indafa u li kienet tinsab iddiżappuntata bl-ammont ta' ħmieġ li jħalli warajh il-poplu Malti. Is-SE qalet li l-Kunsill irid jirrispetta l-iskeda ta' tindif li għandu l-kennies, li kien ħareġ il-Kunsill stess mat-tender.

52.3.18. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Basketball Club fejn proponew li jitwaħħlu l-bords mal-fencing. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.3.19. Is-Sindku DSH ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hi, bħala persuna pubblika, kienet taċċetta kwalunkwe kritika personali iżda qalet li ma kienitx ser tittolera kritika personali lejn l-impjegati tal-Kunsill. Hija qalet li ċertu kummenti m'għandhomx isiru għax l-impjegati għandhom familja u dawn kienu hemm biex jagħmlu d-dover tagħhom u għalhekk ħadd m'għandu jaqa għall-kritika personali.

## 52.4 RAPPORTI

52.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 52.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

52.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand il-Valletta Waterfront. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kien għad hemm l-ebda risposta.

52.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill kienx ser iqassam leaflets tal-attività ta’ Ġenna ta’ Ġonna fil-Valletta Waterfront. Is-SE qalet li kienu ser jitqassmu minn ġimgħa qabel kemm hemmhekk kif ukoll fl-ajruport fost postijiet prominenti oħra.

### 52.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;

52.6.1. Ma kienx hemm rapporti ta’ laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati.

### 52.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

52.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 43/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

52.7.1.1. Is-SE għamlet riferenza għall-pagament maħruġ f’isem il-Wasteserv fejn informat lill-Kunsill li kien qed jitħallas bilanċ pendenti wara li kienet inġibdet l-attenzjoni mill-accountant li matul is-snin, il-Kunsill kien ħallas ammonti inqas minn dak stipulat. Hija qalet li dan l-ammont kien jinkludi l-ammont kollu dovut lill-Wasteserv inkluż l-imgħax.

52.7.1.2. Is-Sindku DSH informat li l-ammonti mogħtija f’subsistance allowance li ma kienux intużaw kienu ġew rifonduti lura lill-Kunsill.

52.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

52.7.1.4. IS-SE informat lill-Kunsill li l-pagamenti dovut lis-Sur Colin Muscat, li kien ġie nieqes iktar kmieni matul dik is-sena, kien ser jiġi emendat biex ikun pagabbli lill-werriet tiegħu, dan wara li kienu ġew ippreżentati d-dokumenti kollha neċessarji min-nutar tal-familja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 52.8 MOZZJONIJIET

52.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

### 52.9 OFFERTI PUBBLIĊI

52.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill bi kwotazzjoni li ntalbet għall-bankijiet ta’ Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Il-Kunsill qabel li jmur għal din il-kwotazzjoni.

52.9.2. Is-Sindku nformat li l-orħos offerent tal-offerta tal-ġbir ta’ skart kien irrifjuta li jidħol għat-tender u għalhekk il-Kunsill kellu jmur għat-tieni l-orħos offerent, li kellu kollox kif stipulat.

52.9.3. Is-Sindku informat li l-Kunsill kien qed iġib kwotazzjonijiet għall-kameras u li kienu ser jinġiebu wkoll kwotazzjonijiet għas-servizz tal-internet.

### 52.10 KORRISPONDENZA

52.10.1. **DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kif diskuss f'laqgħa preċedenti, kien ġie avviċinat l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Svetlick Flores, sabiex jaġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv matul il-perjodu ta' leave tal-maternita' tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti. Is-Sindku nformat li s-Sur Flores kien aċċetta l-proposta u għalhekk proponiet li jiġi nfurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel.

52.10.2. **ĠABRA TA' SKART ORGANIKU**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li dalwaqt kienu ser jibdew jitqassmu l-bins tal-iskart organiku bieb bieb kif ukoll materjal edukattiv relatat. Is-Sindku qalet li kienet ser tibqa tenfasizza li jsir l-infurzar neċessarju u li jekk ma jkunx hemm infurzar tajjeb, allura ma kienitx ser tapprova l-introduzzjoni ta' din is-sistema. Hija proponiet li tintbagħat korrispondenza lill-Ministru José Herrera li għandu jsir pressjoni fuq l-infurzar.
Il-Kunsillier JAE qal li fl-aħħar laqgħa qajjem il-punt li ħafna mir-residenzi tal-lokalita ma kellhomx btieħi fejn jerfgħu il-boroż tal-iskart u staqsa jekk dan l-ilment ġiex ikkunsidrat mill-kumpanija responsabbli. Is-Sindku qalet li l-lokalita diġà kellha problema kbira ta' indafa b'borża waħda li tinġabar kuljum u ma setgħetx timmaġina kemm kienet ser tikber il-problema ladarba jiġu ntrodotti boroż differenti li ma jinġabrux kuljum. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat korrispondenza lill-Ministru José Herrera li għandha ssir pressjoni aktar fuq infurzar.

52.10.3. **KWISTJONI LEGALI – JUSTIN ATTARD**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-kwistjoni legali li l-Kunsill għandu mas-Sur Justin Attard. Is-Sindku qalet li l-avukat tas-Sur Attard kien informa li hu kien lest iħallas €16000 biss. Is-Sindku qalet li l-ammont dovut mis-Sur Attard kien ta' €22176.32 li kien jinkludi l-interessi sa dakinhar.

**Nota: 15:13 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**
**15:16 Is-Sindku DSH reġgħet irritornat għal-laqgħa.**

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Avukat tas-Sur Justin Attard mill-aktar fis possibbli sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

**Nota: 15:20 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.**

**52.11 ĠENNA TA' ĠONNA**

52.11.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proposta tal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta biex itellgħu żewġ attivitajiet matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna għall-prezz ta' €800. Il-Kunsill qabel li l-massimu li jista' jagħti kien ta' €700 u f'każ li ma jkunx hemm qbil, allura għandu jinformahom sabiex itellgħu biss attività waħda fejn jintwera film, u li ma teċċedix il-€500.

52.11.2. Is-Sindku ressqet proposta mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali sabiex dakinhar ta' Ġenna ta' Ġonna, jiftħu l-Knisja Arċipretali b'aċċess għall-kamra tal-arloġġ u l-kampnar, kif ukoll pranzu fuq iz-zuntier bħalma sar is-sena ta' qabel, għall-prezz ta' €480. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 15:26 Il-Kunsillier AD reġa' rritorna għal-laqgħa.**

52.11.3. Is-Sindku ressqet proposta mingħand l-Għaqda Armar ta' Barra (fi ħdan il-Knisja Arċipretali) fejn ressqu proposta biex matul l-attività jarmaw il-pavaljuni fi Triq il-Miratur. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €100.

52.11.4. Is-Sindku ressqet proposta minn kantant li talab li jkanta fi Triq il-Miratur matul l-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel ukoll li għandu javviċina kantanti oħra Furjaniżi jekk ikunux interessati jipparteċipaw.

52.11.5. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet mas-Sinj. Jane Farrugia sabiex tagħti l-għajnuna tagħha fil-kompetizzjoni tal-fotografija. Hija proponiet li r-ritratti jiġu esibiti fil-festa liturġika ta' San Publju fejn jiġu mistiedna wkoll il-fotografi li jirbħu l-ewwel tliet premji u jiġu preżentati b'token. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.11.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Battlefield Living History Enactment Group fejn offrew li jagħmlu reenactment matul l-attività. Il-Kunsill m'approvax it-talba minħabba li diġà kien ser ikun hemm reenactment dakinhar tal-attività.

52.11.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Vilhena Band Club fejn wara li l-Kunsill informahom li l-ammont approvat għall-attività kien ta' €1000, kienu qed joffru li l-banda tkun waħda seated minflok iddur mat-toroq. Huma proponew li l-banda ddoqq minn taħt il-loġġa ta' quddiem il-każin tagħhom fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li jitħalla passaġġ.

52.11.8. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Transport Malta sabiex dakinhar tal-attività, tingħalaq Triq Sant'Anna kif ukoll Triq San Publju u Triq Sarria c/w Triq San Tumas.

### 52.12 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT

52.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-laqgħa li kienet pjanata għal-lum ma nżammitx minħabba li r-rappreżentant tal-MTA ma setax jattendi. Hija qalet li l-laqgħa kienet ġiet posposta għal nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru 2018.

### 52.13 ST PATRICKS DAY

52.13.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-attività ta' St Patrick's Day. Il-Kunsill qabel li l-attività terġa tittella' u li għandu jieħu ħsieb joħloq kumitat għal din l-attività.

### 52.14 XOGĦOL ĦDEJN IL-KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI

52.14.1. Is-Sindku DSH qalet li għaddiet proposta lill-Onor Segretarju Parlamentari Deo Debattista sabiex jiġi rranġat il-ħadid li hemm nieqes mis-swar ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini.

52.14.2. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet informat li l-Cleansing Department kienu qed jieħdu ħsieb it-tindif ta' din iż-żona.

### 52.15 IL-PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V

52.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li s-sejħiet għall-offerti relatati ma' dan il-proġett kienu qed jiġu draftjati u dalwaqt kienu ser jiġu ppublikati.

52.15.2. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien issottometta dak kollu mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jikkunsidraw il-proġett propost.

### 52.16 FESTA LITURĠIKA SAN PUBLJU

52.16.1. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill jistabbilixxi data ta' meta ser jiġi organizzat ir-riċeviment annwali sabiex ikun jista' jinforma lill-għaqdiet lokali biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li r- riċeviment isir nhar il-21 ta' Jannar 2019.

**52.17 KTIEB TA' RAPPORT TA' ĦIDMA 2015 - 2019**

52.17.1. Is-Sindku qalet li din il-leġislatura kienet qed tasal fi tmiemha u għalhekk proponiet biex bħalma dejjem sar, jiġi ppublikat ktieb ta' rapport ta' ħidma tas-seba' leġislatura. Il-Kunsill qabel u qabel li għandhom jibdew jintalbu kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li tali ktieb għandu jkun lest sal-ewwel ġimgħa t'April sabiex ikun hemm biżżejjed ħin biex dan jitqassam.

52.17.2. Il-Kunsillier JAE propona li fih il-Kunsill jinkludi wkoll informazzjoni relatata mal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u dan sabiex jiġu evitati spejjeż addizzjonali.

**52.18 TAĦT IL-FORKA – SINJALI TAT-TRAFFIKU**

52.18.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata mix-xufier tal-iscamel li kien qed isib diffikultà jiġbor l-iskart minn Taħt il-Forka minħabba li ma jkunx jista' jimmanuvra meta jkun hemm vetturi pparkjati.

52.18.2. Is-Sindku proponiet li jsiru double yellow lines biex ma jipparkjawx karozzi.

**<u>Nota: 15:56 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**

52.18.3. Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa li minflok jitneħħa l-parkeġġ b'mod permanenti, titwaħħal tabella li tindika li l-parkeġġ m'huwiex possibbli fil-ħinijiet li jkunu indikati. Huwa qal li b'hekk, ma jkunx ittieħed spazju ta' parkeġġ għal ġurnata sħiħa.

52.18.4.

**<u>Nota: 15:57 Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa.</u>**

52.18.5. Il-Kunsill qabel li għandha titwaħħal tabella li ma tippermettix parkeġġ mis-6am sa nofsinhar.

**52.19 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

52.19.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.05pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Ottubru 2018 fil-5.00pm.

**Konfermati llum 11 t' Ottubru 2018.**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv